# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Tnejn, 23 ta' April, 2001.**

**Numru 18**

**Citaz. numru 456/93**

**Dr. Alfred Sant MP**

**vs**

**Arnold Cassola u Raymond Bugeja**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attur ipproceda kontra l-konvenuti f'din l-azzjoni ta' libell civili bis-segwenti att ta' citazzjoni :-

> "L-attur ippremetta illi l-konvenuti Arnold Cassola u Raymond Bugeja rispettivament bhala artikolista u bhala editur fil-harga tal-gurnal "The Malta Indipendent" tal-Hadd, 11 ta' April 1993, fil-pagna sittax (16), ippubblikaw artikolu, bl-isem "God save America (and Malta?)" li bih taw malafama lill-istanti billi attribwewlu fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

Premess illi l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talab lil din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-istess konvenuti taw malafama lill-istanti bl-istampat fuq imsemmi bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-istanti dik is-somma. Din il-Qorti tiddetermina f'ammont li ma jeccedix elfejn lira bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija kif kontemplat fl-Att dwar l-Istampa.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti."

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

Il-konvenut Arnold Cassola hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

"1. Illi fl-ewwel lok ic-citazzjoni hija nulla u dan stante li mkien fil-premessi ma hemm specifikament imsemmija l-addebiti allegatament maghmula mill-eccipjent u li skond l-istess attur gew lilu attribwiti fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dak mitlub mill-eccipjent huwa biss riflessjoni f'termini ta' stil ta' kitba adottata mil-istess eccipjent biex jiddeskrivi l-polemika dwar il-kaz ta' Ali Rezaq, li l-protagonisti taghha kienu l-mexxejja ewlenija tal-partiti politici, inter alia l-attur, u li allura kien biss "fair comment" ai termini tal-principji accettati fil-kamp gurnalistiku .

Il-konvenut Ray Bugeja fil-kwalita' tieghu ta' editur tal-gazzetta 'The Malta Indipendent' minn naha tieghu hekk eccepixxa :-

“1. Illi l-malafama li qed jipprospetta l-attur ma tezistix. Meta l-kitba taraha fl-assjem taghha m’hemm xejn li hu libelluz. Dr. Arnold Cassola mhux xi wiehed li ghandu ghalfejn jirrikorri ghall-ingurija, ghaliex ghandu pinna tajba u mgieba ezemplari. F’pajjiz demokratiku dawn il-principji ghandhom jigu salvagwardanti biex tkompli l-liberta’ ta’ l-istampa;

2. Illi ghalkemm l-attur jallega fic-citazzjoni illi l-kitba “tixhet dizunur fuqi” ghax taghti l-idea li “wasalt biex inzomm mal-barrani kontra pajjizi”, dan hu ghal kollox bla bazi, ghaliex ma kien hemm l-ebda reazzjoni f’dan is-sens fl-istampa lokali. Hadd ma fehem li l-attur qed izomm mal-barrani kontra Malta.

Illi ladarba l-ingurja ma tezistix, l-azzjoni ghad-danni ma tistax tirnexxi. Il-kitba ma fiha xejn hlief “fair comment”.”

**<u>DECIDE</u>**

Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili b’sentenza tat-23 ta’ Gunju 1994 iddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**<u>MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA</u>**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

“Illi din il-kawza tirrigwarda artikolu pubblikat mill-konvenut Bugeja u miktub mill-konvenut Cassola fejn l-attur gie citat testwalment illi qal kliem li jidher tra virgolette fl-istess artikolu, u precizament “Malta should be ashamed of itself ………………… it has not acceded to the rightful request of the U.S. Authorities to withold the release of terrorist Ali Rezaq.”

Xehed l-attur u kkonferma li huwa dan il-kliem ma qalux u spjega wkoll b’certu dettal kif kien hass ruhu ngurjat b’dan il-kliem u wkoll bil-mod kif gie rrapportat fil-gazzetta. L-eccezzjoni principali tal-konvenut Arnold Cassola hija fis-sens illi dak li huwa kiteb addottata minnu biex jiddeskrivi l-polemika dwar il-kaz ta’ Ali

Rezaq u l-protagonisti taghha kienu l-mexxeja ewlenija tal-partiti politici, fosthom l-attur, u li allura dan kien jikkostitwixxi 'fair comment' ai termini tal-principji accettati fil-kamp gurnalistiku.

Il-provi huma dawk li huma, u l-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tidhol hafna fid-dettal dwarhom, billi hawnhekk si tratta ta' kwistjoni fejn persuna maghrufa fil-kamp politiku, cioe' l-Kap ta' l-Oppozizzjoni li jokkupa post kostituzzjonalment kristallizzat hass ruhu aggravat minn interpretazzjoni, huwa jghid, kompletament skorretta li nghatat lill-posizzjoni tieghu dwar materja ta' nteress pubbliku. L-attur spjega b'certu dettal u b'riferenza ghall-gurnali, partikolarment ghal gurnali ohrajn, partikolarment meta gie kontro-ezaminat, illi l-artikolu li dwaru sar il-libell ma kienx jirrifletti l-posizzjoni illi huwa ha.

Il-Qorti kkunsidrat ulterjorment :-

Illi dina l-Qorti diga' kellha diversi okkazzjonijiet fejn tesprimi ruhha ghar-rigward tat-teorija tal-'fair comment' fil-ligi taghna. Fost dawn tissemma' c-citazzjoni numru 269/93 GMA, deciza fis-6 ta' Mejju 1993, fl-ismijiet "Onorevoli Dottor Eddie Fenech Adami kontra Dottor Alfred Sant" fejn il-Qorti spjegat il-posizzjoni fis-sens illi fil-kaz ta' 'fair comment' min jaghti din id-difiza jrid japprova illi l-kumment huwa 'fair' minghajr ma necessarjament jipprova illi huwa bbazat fuq fatti veri a differenza mid-difiza tal-gustifikazzjoni.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi wiehed ghandu jiehu l-artikolu kollu 'quid unum' biex jara l-portata tal-addebitu. Issa fic-cirkostanzi kollha jidher illi l-artikolista kellu f''ohhu illi jaghti l-kummenti tieghu dwar il-posizzjonijiet illi hadu z-zewg partiti principali fuq cirkostanza ta' certu interess u l-portata ta' l-artikolu tidher fis-'sub title' u cioe' "Even if Maltese justice committed a serious blunder, the U.S. administration still has no right to meddle in the island's internal affairs, argues Dr. Arnold Cassola."

L-istil letterarju li ghazel li jaddotta l-attur hija bicca tieghu. Il-Qorti taqbel illi huwa llum stil accettat li wiehed jaghmel kliem tra virgolette bl-implikazzjoni li dawn qalithom persuna partikolari u minghajr ma jkun qieghed necessarjament jikkwota 'verbatim' dak li qalet dik il-persuna, purke' jkun car illi dan ma jkunx qed jigi kkwotat testwalment. Issa jekk wiehed jara l-mod kif inhuwa redatt l-artikolu, wiehed jinduna illi l-paragrafu li fih il-parti allegatament inkriminanti huwa miktub b'certu stil. Huwa stil pjuttost mexxej, dina l-Qorti tasasl biex tghid ukoll f'certu sens minghajr precizjoni ta' dettal bhal per ezempju aktar tard fl-artikolu hemm alluzjoni ghal "judiciary" li ma tantx tinftiehem, billi

> certament il-"judiciary" m'ghandhom xejn x'jaqsmu mal-persuni msemmija f'dik il-parti ta' l-artikolu, pero' huwa stil illi ghazel l-artikolista biex jghaddi l-messagg tieghu.
>
> Konfrontat b'dak illi hareg min kif gie riportat f'gazzetti ohrajn, l-attur spjega illi huwa kien wasal biss biex qal illi ma kienx ghadu jaf il-fatti kollha partikolarment x'kienet ufficjalment il-posizzjoni Amerikana, u f'certu artikoli li huwa qal illi l-Gvern Malti kien inganna. Gibed parallel ma' sitwazzjoni precedenti fejn huwa kien deherlu u qalu illi l-Prim Ministru kien ingannah fis-sitwazzjoni dwar il-Kummissjoni Elettorali u allura wiehed seta' jasal ghall-istess konkluzjoni f'dan il-kaz.
>
> Il-Qorti ezaminat l-assjem tal-artikolu u 'items' ta' ahbarijiet li dwarhom gie konfrontat l-attur. Fost dawn il-gazzetti nsibu frazijiet bhal "Il-Gvern f'dan il-kaz dineb bil-kbir."
>
> Meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha flimkien, wiehed jara illi hawnhekk il-konvenut kien gustifikat illi jigbed il-konkluzjoni tieghu fis-sens illi dak illi l-attur kien qieghed jghid kien proprju illi l-Gvern Malti kellu minn x'hiex jisthi. L-istil adoperat mill-konvenut huwa utilizzat biex iwassal dan il-messagg b'certu mod.
>
> Il-Qorti ghalhekk ma tarax illi fil-kaz partikolari jikkonkorru elementi tal-malafama sal-grad rikjest mil-ligi."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

L-attur appella minn din is-sentenza. Fir-rikors tal-appell tieghu hu qabel xejn espona l-istat ta' dritt in materja ta' libell civili kif kien zvilluppat sa lura. Kellu jigi koncess illi minn dak iz-zmien sal-lum il-gurisprudenza in materja zvilluppat ulterjorment l-aktar favur il-liberta' tal-istampa bhala manifestazzjoni tad-dritt fondamentali tal-espressjoni u bhala ghodda mehtiega fl-izvillupp demokratiku ta' pajjiz. Naturalment kien u ghadu principju tad-dritt illi l-malafama voluta permezz ta' addebiti ta' fatti foloz mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-fama

tal-persuna illi lejha tkun diretta baqghet censurabbli u punibbli fil-ligi. Gew pero' mwessa' notevolment il-limiti li fihom kienu ariginati l-kummenti fuq fatti addebitati lill-figuri pubblici liema, fosthom il-politici. Fil-konfront taghhom hafna issa hu iktar tollerat minn qabel in omagg tal-principju illi d-dibattitu pubbliku fuq materji ta' interess kellu jinghata spazju mill-aktar wiesa' anke jekk a skapitu ta' inkonvenjenza anki gravi lill-persuna pubblici involuti b'konsegwenza ta' kritika harxa wkoll kultant ingusta. Dan premess bhala precizazzjoni dwar l-izvillupp gurisprudenzjali in tema ta' libell civili, din Il-Qorti tissottolineja illi hi kkunsidrat l-aggravji tal-appellant fid-dawl tal-istat tad-dritt kif kien allura meta gie ppubblikat l-artikolu allegatament malafamanti u meta allura l-kriterji kienu wisq aktar rigidi anke jekk, ukoll dak iz-zmien il-principju "facts are sacred, comment is free" kien diga' generalment accettat u applikat.

Din il-Qorti ma tistax ma tinnutax, ghax hekk doveruz li taghmel, illi l-espozizzjoni tal-appellant fl-ewwel parti tal-appell tar-rikors tieghu fir-rigward tal-istat gurisprudenzjali applikabbli ghall-kaz taht ezami kienet wahda estensiva u korretta. Dan sal-punt li din il-Qorti ma tara li jehtieg li zzid xejn ma' dak espost mill-appellant u kien jehtigilha biss tikkunsidra l-fatit specie u partikolari tal-kaz taht ezami fid-dawl tal-principji tad-dritt mill-istess appellant enuncjati. Din il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju u ssib pero' illi l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti kienu perfettament legittimi u jinkwadraw ruhhom sewwa fl-

eccezzjonijiet moghtija mill-konvenuti appellati u principalment dawk fejn isostnu illi l-kitba impunjata bl-ebda mod ma setghet titqies li kienet malafamanti tal-attur u konsegwentement l-ingurja ma kienitx tissussisti.

Din il-Qorti tikkunsidra s-segwenti :-

(a) L-appellant isostni quddiem din il-Qorti, kif sostna quddiem l-ewwel Qorti, illi l-falzita' tal-fatt fl-artikolu tikkonsisti fil-kitba ta' kliem li tpogga f'halq l-appellant permezz tal-"inverted commas" jew "quotation marks" b'mod li jinftiehem li ntqal testwalment minnu mentri fil-fatt hu qatt ma qal diskors bhal dak. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-artikolu kollu u ssib li bl-ebda mod ma tista' taqbel mal-posizzjoni li ha l-appellant fir-rigward ta' dan l-artikolu. Jirrizulta ovvju u manifest illi l-artikolista, fl-istil li adotta volutament, urtament addebita lil diversi persuni pubblici – mhux biss lill-appellant – diskors kjarament immaginarju bhal li kieku kien "direct speech" dwar l-incident ta' Ali Rezaq u l-effetti dan kellu fuq ir-relazzjonijiet diplomatici u ekonomici bejn Malta u l-Istati Uniti.

(b) Kien car li d-diskors kien immaginarju, inserit fl-artikolu b'aktar minn licenzja poetika, u kien intiz biex jaghti l-impressjoni lill-qarrejja ta' dak li, skond il-kittieb, kien l-atteggjament politiku tad-diversi personaggi fil-kuntest ta' dan l-incident, ovvjament tal-aktar interess pubbliku.

Jirrizulta li diskors simili tqieghed f'halq l-allura Prim'Ministru Eddie Fenech Adami, l-allura Prim'Ministru Karmenu Mifsud Bonnici, l-appellant, u l-allura Ministru tal-Affarijiet Barranin Guido De Marco. Hu ghal kollox evidenti illi hadd minn dawn il-personaggi ma qatt lissen id-diskors lilu addebitat b'mod ghal kollox immaginarju mill-artikolista fi stil, kif sewwa uriet l-ewwel Qorti, letterarju partikolari ghalih.

(c) Inoltre din il-Qorti hi wkoll konvinta (u dwar dan kellu jkun hemm kunsens ghax hu ovvju) illi l-ebda qarrej ordinarju tal-gurnal ma seta' qatt jimmagina illi l-artikolista kien qieghed jirriproduci la kliem testwali illi qalu dawn l-erba' personaggi, fosthom l-appellant, u lanqas l-ispirtu ta' diskors li dawn il-personaggi attwalment lissnu f'xi okkazzjoni jew ohra. Kien allura car illi l-artikolista ma kienx qieghed jirreferi ghall-fatt li materjalment sehh u li kien gie attribwit lil dawn il-personaggi bhala li fil-fatt sehh meta l-artikolista kien jaf li dan ma kienx minnu. L-artikolista kien ghal kuntrarju qed johloq xenarju ta' recta li fih id-diversi dramatis personae jesklamaw frazijiet illi fil-fehma tieghu kienu jirrapprezentaw il-politika segwita allura in konnessjoni mal-event pubbliku li pozittivament jew negattivament affettwa r-relazzjonijiet bejn Malta u l-Istati Uniti.

Dan iwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni bhal l-ewwel Qorti illil-kitba kienet allura tax-xorta ta' kumment u mhux ta' addebitu ta' fatt. Kumment li kien ghal kollox legittimu. Kif infatti l-istess appellant jaccetta li kien permissibbli fir-rikors tal-appell pero' dan mhux ghad-diskors li ghalih

qed joggezzjona f'din il-kawza billi dan id-diskors kien ghalih stqarrija ta' fatt malafamanti li qatt ma sehh u li kien ingurjuz tar-reputazzjoni tieghu. Din il-Qorti tinnota illi l-element ta' kumment kritiku u satariku tad-diskors, addebitat b'ironija lil dawn il-personaggi msemmija fosthom l-appellant, jinghata r-rizalt ukoll b'karikatura a fondo tal-istess artikolu fuq l-istess suggett. Anke hawn biex proprju jzid l-enfazi fuq l-istil tal-kitba tieghu, l-artikolista jirrafigura lill-Amerika fil-forma ta' Uncle Sam u lill-Onorevoli De Marco, allura Ministru tal-Affarijiet Barranin, f'dibattitu, ukoll ovvjament immaginarju bejniethom, dwar x'wieghed wiehed lill-iehor fir-rigward ta' Ali Resaq u c-cahda ta' tali weghda.

Jidher li l-azzjoni taht ezami hi dik ghad-danni ghall-malafama kontemplata fl-artikolu 28 tal-Kap 248 li jipprovdi rimedju civili fil-kaz ta' malafama b'xi mezz imsemmi tal-artikolu 3 tal-istess att li l-ghan taghha jkun ittellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna. Artikolu dan abbinat ukoll mal-artikolu 11 tal-istess Kap 248 li jikkreja r-rejat ta' malafama kull min b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 (inkluz l-istampat u l-post li minnu jorigina dak l-istampat) jaghti malafama lil xi persuna ohra "a) jekk bil-malafama <u>jigu attribwiti lil dik il-persuna fatti determinati</u> bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama taghha jew li jesponiha ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku". L-azzjoni odjerna tfalli infatti minhabba li ma giex sodisfacentament provat illi l-konvenuti kienu attribwew lill-attur appellant xi <u>fatt determinat</u> u allura l-azzjoni tirrizulta nieqsa mill-element essenzjali kostituttiv taghha. Lanqas huwa mehtieg allura li l-

Qorti tinoltra ruhha f'dibattitu dwar jekk dak li inkiteb kienx mahsub bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama tal-attur jew li jesponih ghar-redikolu. Anke fuq dan hemm hafna x'wiehed josserva ghaliex il-kitba ma tistax tigi daqstant facilment identifikata bhala wahda dispreggjattiva tal-unur u l-fama tal-persuni li ghaliha tirreferi – u dana mhux biss ghall-persuna tal-attur – konsidrata l-latitudni wiesa' li kellhom jinghataw l-opinjonisti dwar materji ta' interess pubbliku fejn allura l-animus injurandi kellu jirrizulta b'mod car, univoku u esklussiv. L-appell allura ma jistax jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi, s-sentenza appellata qed tigi konfermata u l-appell michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mg